MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

Numru 488/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Anthony Formston**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Anthony Formston ta’ 33 sena, bin Anthony u Carmen nee’ Fenech imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Novembru, 1967 u residenti 177 Flat 13, Triq San Kristoforu, Valletta detentur ta’ karta ta’ identita numru 476667(m) akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer, fis-7 ta’ Frar 1999 u fid-diversi xhur ta’ qabel, gewwa l-Belt Valletta u Floriana, u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li saru fi zminijiet differenti,

izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe diversi videos, u CDs u dan bi ksur ta' Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe diversi videos, u CDs bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation, u socjetajiet ohra, li taghhom Dr. Patrick Galea LL.D. u/jew socjetajiet ohra huma rappresentanti, protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet l-imputat f'din l-ewwel dehra jirregistra ammissjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat li ippersista fiha anka meta l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra, issibu hati tar-reati kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Art 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sitt xhur millum bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'dan il-perjodu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------